MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Numru. 263/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**KONTRA**

**WAYNE DELIA ta' 24 sena, iben Martin u Mandy nee' Warner, imwieled Tal-Pieta' nhar il-21.11.1985, residenti fil-fond numru 12, Casa Delia, Triq Maria Addolorata, Paola, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 574785M;**
**ANDREW CACHIA ta' 21 sena, iben Mario u Margaret nee' Farrugia, imwieled Tal-Pieta' nhar il-11.08.1988, residenti fil-fond numru 67, Triq Ninu Cremona, Paola, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 376988M;**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **WAYNE DELIA** u **ANDREW CACHIA** li gew akkuzati talli, nhar id-29.01.2007, ghall-habta tal-11.00am, gewwa Gnien is-Serenita’, maghruf bhala l-Gnien tac-Cinizi, Triq il-Peprin, Santa Lucija:

1. Ikkomettew serq ta’ oggetti dekorattivi, liema serq huwa aggaravat bil-vjolenza numerika ai termini ta’ l-Artikolu 262(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00);

2. U aktar talli volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehbor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50.00) imma izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10.00);

3. U aktar talli **Wayne Delia wahdu** sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenza saret definittiva.

Rat li fl-istadju ta’ l-interrogatorju z-zewg ko-imputati msemmija wiegbu li kienu hatja ta’ l-akkuzi lilhom dedotti. Konsegwenza ta’ hekk il-Qorti laqghet it-talba ghal separazzjoni ta’ l-atti, **ghalhekk dan il-gudizzju huwa biss fil-konfront ta’ Wayne Delia u Andrew Cachia.**

Rat illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri kemm Delia u Cachia kkonfermaw l-ammissjoni taghhom.

Illi in vista’ ta’ hekk din il-Qorti qieghda ssib htija fil-konfront taz-zewg ko-imputati Delia u Cachia taht l-Artikoli 261, 262, 276, 280, 325, 17, u 31 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena rat ukoll l-istqarrijiet rilaxxati miz-zewg imputati, kif ukoll il-fedina penali taghhom, fejn anke hawn ammettew l-involviment taghhom.

Illi qieset ukoll illi z-zewg ko-imputati riedu wkoll ihallsu l-ispejjez tad-danni minnhom ikkaggunati. Pero a favur ta’ l-imputati dawn l-ispejjez qatt ma gew kwantifikati.

Rat illi l-fedina penali ta’ Cachia hija ghal kollox netta – ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tillibera lil Andrew Cachia bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mill-lum, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Fil-konfront ta’ Wayne Delia, ai termini ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda tqieghdu taht Ordni ta’ Probation ghal sentejn (2) mill-lum, u tahtar ghal dan l-iskop lil Maryanne Zamnit, b’dan illi Wayne Delia ghandu jigi dirett lejn sejbien ta’ xoghol u konsegwentement jobdi d-direttivi lilu moghtija ghal hekk. Oltre dan, l-ufficjal tal-Probation ghandu wkoll jindirizza lil Wayne Delia lejn kwalunkwe problemi ohra li bihom jista’ jkun afflitt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------